MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5

L-Erbgħa 22 ta' Marzu 2017

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI**

***Ma kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

### 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm

### 5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**5.2.1** Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Jannar 2017.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Vince Bongailas

### 5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**5.3.1** Is-Sinjura Speranza Chircop saħqet illi hemm bżonn ninforzaw il-miżata tal-permessi kif fil-verita ġie mħabbar fil-Budget billi kulħadd iħallas il-miżata kif suppost bla ebda skużi li ser jinġieb 'crane' għal kwarta bħala eżempju.

Il-Kunsill qabel b'mod Unanimu dwar dan.

**5.3.2** Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar il-ħidma tagħha flimkien mal-kordinatur biex issir attivita' aktar tard din is-sena fix-Xatt tal Kalkara b'risq 'Puttinu Cares'.
L-attivita' se tkun qed issir, fil-21 ta' Lulju, b'kordinazzjoni.

5.3.3 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ġita għal Sqallija li ser tkun qed torganizza bħal kull sena għar-residenti Kalkariżi. Hija qalet ukoll illi ser ikun qed jintbgħat 'flyer' f'kull residenza bħal dejjem bl-informazzjoni kollha dwar din il-ġita.

## 5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 5.4.1 Christopher Bruno – Viċi Sindku

**A.** Is-Sur Chris Bruno, ikkonferma minn naħa tiegħu illi ser ikun jiġi nvolut fiċ-Ċerimonja tal-Mafkar, wara li fis-Seduta preċedenti, kien hemm diżgwid, bejn il-Kunsilliera fuq din iċ-Ċerimonja, wara li hu kien issuġerixxa li tinbidel id-data u ma ġietx approvata.

**B.** Is-Sur Chris Bruno, talab lis-Seg.Eżek, biex tieħu ħsieb skip fi Triq it-Turretta, li qegħda bla għatu.

**Ċ.** Is-Sur Chris Bruno staqsa hemmx xi risposta fuq żewġ rapporti separati li saru minn naħa tal-Kunsill lil 'Servizzi.gov' fuq 'Transformers' u 'wires' perikolużi fi Triq il-Missjoni Taljana u Triq Santu Rokku.

### 5.4.2 Maria Sultana – Kunsilliera

**A.** Il-Kunsilliera Maria Sultana saħqet illi r-rapporti dwar dawl fit-toroq kienu qegħdin idumu biex isir ix-xogħol fuqhom, speċjalment ilment li għaddiet hi personali fuq bozza fi Triq Santa Filumena.

**B.** Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi t-tindif tal-lokal huwa fl-obbligu tagħna speċjalment, biex il-ħaddiema tagħna kultant żmien, jagħtu dawra fl-inħawi tal-iskola primarja, nkluż qtugħ ta' ħaxix ħażin tal-inħawi.

**Ċ.** Is-Sinjura Maria Sultana, talbet lis-Seg.Eżek. tiċċekkja dwar ħadida imwaħħla mal-art, fil-Bajja ta' Rnella, in-naħa tat-'Tank Cleaning'.

**D.** Is-Sinjura Maria Sultana, reġgħet għaddiet ilment rigward il-karozza tal-linja tal-Kalkara, fejn hi personali, flimkien ma residenti Kalkariżi esperjenzaw dewmien fit-tluq kif ukoll l-istess Karozza tal-linja ma kienetx qiegħda fil-post propju tagħha, fil-Venda tal-Belt.

**E.** Is-Sinjura Maria Sultana, għaddiet rapport dwar ilma maħmuġ li qed jitwaddab barra fl-inħawi ta' Triq Santa Liberata, fejn hemm xi persuni qed iżommu żwiemel f'bini storiku (swar), hija qalet ukoll li ma tistax tifhem kif iż-żwiemel qegħdin miżmuma f'post storiku.
Is-Seg.Eżek. spjegat illi dan il-punt imsemmi kien diġa ġie rrapurtat lill-Pulizija u lil 'Animal Walfare', fejn dawn iż-żewġ entitajiet ma sabu l-ebda irregolaritajiet.

## 5.4.3 Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier

**A.**Is-Sur Pawlu Bongailas, issuġerixxa illi il-Kunċert ta' Jum il-Kalkara jieħu xejra differenti milli kif qiegħed jiġi organizzat fil-preżent, billi isir Kunċert tal-Milied fil-Knisja Parrokkjali bis-sehem tal-Kor tal-Parroċċa u riċeviment isir fil-bini t'Esplora.
Il-Kunsill qabel b'mod Unanimu ma' dan is-suġġeriment.

**B.** Il-Kunsill qabel b'mod unanimu fuq suġġeriment li għadda is-Sur Pawlu Bongailas, fir-rigward li jingħata Unur il-Kalkara 2017 lil Kalkara F.C., dejjem jekk jerbħu l-kampjonat, kif ukoll jingħataw rikonoxximent seperat lil 'Players' u Kumitat, f'attivita' li tiġi mtella' bejn il-Kunsill u l-istess Kumitat.

**Ċ.** Is-Sur Pawlu Bongailas, informa lil Kunsill li kellu diskussjoni ma' Mro.Joe Brown f'isem il-Ministeru tal-Kultura, sabiex jiġi organizzat kunċert fix-Xatt tal-Kalkara.
Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera, ġie deċiż illi s-Sinjura Speranza Chircop ser tkun qed tiċċekkja mal-organizzatur li ser ikun qed jiehu hsieb il-logistika kollha fl-attivita' imsemmija aktar kmieni f'dawn il-minuti sabiex b'hekk iż-żewġ attivitajiet ikunu jistgħu jiġu amalgamati.

**D.** Is-Sur Pawlu Bongailas informa lil Kunsill li ser ikun qed iressaq aktar informazzjoni fis-Seduta li jmiss, rigward it-tismija ta' Toroq ġodda fil-lokal.

**E.** Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Seg.Ezek. iġġib kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw 'Fire Extinguishers'.

**F.** Is-Sur Pawlu Bongailas informa lil Kunsill dwar petizzjoni li għaddejja fuq 'Facebook' dwar il-bżonn ta' Restawr tal-Fortizza tar-Ricasoli.

**G.** Is-Sur Pawlu Bongailas staqsa jekk il-bins tal-klieb u jekk hux bilfors jitwaħħlu dawk li diġa hawn bħalom.

## 5.4.4

## Is-Sur Vince Bongailas - Kunsillier

A.Is-Sur Vince Bongailas talab li tintbgħat email sabiex infakkru lil LESA rigward biex jintbgħatu l-Wardens fil-lokal speċjalment fi Triq is-Salvatur

## 5.5 Rapporti

5..5.1 Residenta li toqgħod fi Triq Santu Rokku, talbet lil Kunsill japprova rampa quddiem garaxx li diġa hemm permess tal-MEPA dwarha, kif ukoll tintbgħat talba lil TM biex isiru id-'Double Yellow Lines"

5.5.2 Residenta fi Triq Marina qed titlob permess mill-Kunsill biex isiru xi xogħolijiet taħt il-bankina, minħabba li għandha problema fis-sistema tad-drenaġġ, wara li nħarġu il-permessi mill-MEPA.
Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan.
Din l-istess residenta qed titlob l-approvazzjoni mill-Kunsill biex titneħħa plakka minn mal-faċċata li kienet twaħħlet ħafna żmien ilu. Din ir-Residenta xtrat id-dar bil-plakka imwaħħla magħha.
Il-Kunsill saħaq illi din id-deċiżjoni ma taqax taħt il-Kunsill Lokali, imma jrid jinġieb permess mill-MEPA.

5.5.3 Is-Seg.Eżek. għaddiet ilment minn naħa ta' resident li joqgħod fi Triq l-Għassieli, fejn dan talab bankina fejn ir-residenza tiegħu minħabba li għandu problema ta' moffa fuq ġewwa, għax jinżamm l-ilma mat-Triq imsemmija.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandha issir din il-bankina.

## 5.6 Korrispondenza

5.6.1 Għaqda Mużikali San Ġużepp;
Is-Segretarju tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp, talab lil Kunsill biex jgħin mill-aħjar li jista f'attivita' li se jkunu qed jorganizzaw f'Lulju ta' din is-sena, b'tabelli ta' 'No Parking', ma jingħatawx permessi għal gabbani fil-qrib, fejn ser issir l-attivita', 'Mobile Toilets', lista ta' Indirizzi ta' persuni prominenti, kif ukoll xi tip ta' dawl fl-istess sit.
Il-Kunsill qabel b'mod Unanimu, li ser ikun jgħin mill-aħjar li jista, qabel u waqt din l-attivita'.

5.6.2 Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill dwar email li rċeviet mingħand is-Sinjorina Michaela Noelene Zammit, l-Ammbaxatriċċi taż-Żgħażagħ fil-preżent illi sfortunatament irreżenjat mill-Kariga tagħha, minħabba raġunijiet personali.

5.6.3 Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill illi wara li kienu bdew ix-xogħolijiet minn naħa tal-Gvern Ċentrali rigward il-Kalkara

Football Ground, kien hemm bżonn jinqalaw xi siġar minn dan is-sit.
Kemm is-Sinjura Maria Sultana, kif ukoll is-Sinjura Speranza Chircop, kienu ser jiċċekkjaw mal-iskola Primarja tal-Kalkara, kif ukoll mal-Amminstratturi tal-Ġnien il-Ġensita, jekk humiex interessati illi jieħdu dawn is-siġar għal użu tagħhom.

5.6.4 Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill li ser ikunu qed jirċievu email, minn naħa tas-Seg.Eżek. rigward riċerka li qed tagħmel studenta mill-Univesita' ta' Malta biex jekk hem minn jista jgħinha fir-riċerka tagħha, ikun jista jagħmel dan billi jwieġeb lura b'email.

5.6.5 Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill illi se tkun qed jintgħbat informazzjoni fuq il-lokal tal-Kalkara lil persuna li qed tagħmel programm televiżiv Malti fil-Kanada, bħala promozzjoni lil lokal.

5.6.6 Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill dwar id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, fir-rigward is-sejħa tal-Avukat li kien hemm appell fuqu. Il-Bord iddeċieda, illi dan it-Tender, m'għandu jingħata lil ħadd.
Il-Kunsill iddeċieda li mhux ser ikun qed tinħareġ sejħa oħra minħabba li l-użu tal-Avukat, huwa wieħed minimu.

5.6.7 Is-Sinjura Speranza Chircop, infurmat lil Kunsill, dwar ittra formali minn naħa ta' TM, fejn qed jinfurmaw lil Kunsill Lokali, li ser ikunu qed jitwaħħlu 'Traffic Calmers', fi Triq ix-Xatt.

5.6.8 Is-Sinjura Speranza Chircop, ippreżentat ittra minn żewġ residenti li joqgħodu fi Triq il-Kapuċċini, rigward il-problema serja li hemm fuq il-ħmieġ tal-ħamiem, speċjalment fis-siġra li hemm viċin il-Knisja.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu, illi għandha tinżabar aktar ta' spiss.

5.6.9 Is-Sinjura Speranza Chircop, innutat email li rċieva l-Kunsill kollu mingħand Dr.Jeffrey Pullicino Orlando, rigward il-punti li kienu diskussi miegħu waqt laqgħa li saret aktar kmieni, mal-Kunsilliera kollha.

5.6.10 Is-Sinjura Speranza Chircop, innutat email li rċevejna bħala Kunsill mill-ANSEK, dwar opportunita' biex nipparteċipaw fi proġett tal-ELOGE u UDITE.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu, li għandna nipparteċipaw f'dan il-

proġett.

5.6.11 Is-Sinjura Speranza Chircop, qalet li se jibda ħaddiem ġdid mill-'Community Working Scheme' mix-xahar ta' Marzu.

5.6.12 Is-Seg.Eżek. infurmat lil Kunsill dwar il-problema tar-renta tal-Librerija u tal-Berġa fil-preżent, talbet lil Kunsilliera formalment, biex jidħlu bi ħġarhom għal kull iventwalita' possibli, biex titranġa din is-sitwazzjoni mill-aktar fiss possibli.
Is-Seg.Eżek. se tkun qed tinforma lil Kunsilliera dwar żviluppi li jista jkun hemm matul ix-xahar.

5.6.13 Is-Sinjura Speranza Chricop infurmat lil Kunsill dwar talba mingħand resident li joqgħod fi Triq Antonio Falzon, fejn dan qed jissuġerixxi 'bolard' li tkun tista tinqala minħabba il-periklu li hemm f'dawn l-inħawi. Qed jiġi suġġerit hekk minħabba id-djuq tal-istess Triq.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ssir din il-Bolard.

## 5.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

Ma kienx hemm

## 5.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/i Amministrattiv/i

Ma kienx hemm

## 5.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

**Ma kienx hemm**

## 5.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

12.10.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 5.17 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 5.11 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 5.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

5.12.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar l-Erbgħa 22 ta’ Marzu 2017 fl-4:00 p.m.

Konfermati, illum l-Erbgħa 22 ta’ Marzu, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |